**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **REGOLAMENT (KE) Nru 543/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-18 ta' Ġunju 2009**

**dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 167, 29.6.2009, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament (UE) Nru 1350/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 | L 351 | 1 | 21.12.2013 |

▼B

**REGOLAMENT (KE) Nru 543/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-18 ta' Ġunju 2009**

**dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 tas-26 ta' Marzu 1990 dwar informazzjoni tal-istatistika li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar produzzjoni ta' ċereali ([2]) u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 959/93 tal-5 ta' April 1993 dwar l-informazzjoni statistika li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar uċuħ tar-raba' minbarra ċereali ([3]) ġew emendati diversi drabi. Billi issa jinħtieġu aktar emendi u simplifikazzjonijiet, dawn l-atti għandhom, għall-finijiet ta' ċarezza, jiġu sostitwiti, konformement mal-approċċ il-ġdid għas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja u r-regolamentazzjoni aħjar ([4]).

(2) L-istatistika dwar l-għelejjel hija essenzjali għall-ġestjoni tas-swieq Komunitarji. Jitqies essenzjali wkoll li l-istatistika dwar il-ħxejjex u l-għelejjel permanenti jiġu inklużi flimkien mal-istatistika dwar iċ-ċereali u l-għelejjel li jifdal minn art li tinħarat, li bħalissa hi regolata mil-leġislazzjoni Komunitarja.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-politika agrikola komuni titmexxa tajjeb, il-Kummissjoni teħtieġ li tingħata regolarment data dwar l-uċuħ, ir-rendiment u l-produzzjoni tal-għelejjel.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola ([5]) jipprevedi programm ta' stħarriġ Komunitarju għall-provvista ta' statistiċi dwar l-istruttura tal-impriżi agrikoli sal-2016.

---

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Frar 2009 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' … t-8 ta' Ġunju 2009.

([2]) ĠU L 88, 3.4.1990, p. 1.

([3]) ĠU L 98, 24.4.1993, p. 1.

([4]) Ftehim interistituzzjonali għal-leġislazzjoni aħjar (ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1).

([5]) ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14.

▼B

(5) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS ([1])), l-istatistika mill-Istati Membri kollha trażmessa lill-Kummissjoni li tinqasam skont unitajiet territorjali għandha tuża l-klassifikazzjoni NUTS. Konsegwentement, sabiex tiġi stabbilita statistika reġjonali komparabbli, l-unitajiet territorjali għandhom jiġu definiti skont il-klassifikazzjoni NUTS.

(6) Sabiex il-piż fuq l-Istati Membri jiġi limitat, ir-rekwiżiti ta' data reġjonali m'għandhomx jeċċedu r-rekwiżiti stabbiliti mill-leġislazzjoni preċedenti sakemm ma jkunux fil-frattemp dehru livelli reġjonali ġodda. Konsegwentement, huwa adatt li d-data statistika reġjonali għall-Ġermanja u r-Renju Unit jiġu pprovduti għall-unitajiet territorjali NUTS 1 biss.

(7) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, tinħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, b'mod partikolari bl-assistenza tal-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE ([2]).

(8) Sabiex tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel mis-sistema applikabbli skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93, dan ir-Regolament għandu jippermetti għal-konċessjoni ta' deroga għall-perijodu ta' mhux aktar minn sentejn lill-Istati Membri fejn l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għas-sistema statistika nazzjonali tagħhom tkun teħtieġ adattamenti kbar u x'aktarx tikkawża problemi prattiċi sinifikanti.

(9) Il-miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika previsti f'dan ir-Regolament huma meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet tal-Komunità. Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas legali komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja dwar żoni taħt kultivazzjoni, rendiment u produzzjoni taċ-ċereali u għelejjel oħra minbarra ċ-ċereali fl-Istati Membri, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' taddotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea ([3]) jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolamentpartikolarment rigward il-konformità mal-istandards ta' imparzjalità, affidabilità, relevanza, effettività meta mqabbla

([1]) ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1.
([3]) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164

▼B

man-nefqa, kunfidenzjalità statistika u trasparenza, u għat-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika fl-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) jikkostitwixxi qafas ta' referenza għat-trażmissjoni u l-protezzjoni ta' data statistika kunfidenzjali previsti f'dan ir-Regolament, sabiex jiġi żgurat li ma jseħħx żvelar illegali u użu mhux statistiku fil-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Komunitarja.

(11) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni ([2]).

(12) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex timmodifika t-tabelli ta' trażmissjoni. Peress li dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(13) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi ([3]) jipprevedi l-obbligu li informazzjoni statistika rilevanti tiġi trażmessa kif definit fil-kuntest tal-Programm Statistiku Komunitarju lill-Kummissjoni. Filwaqt li jagħrfu l-ħtieġa għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja dwar il-produzzjoni u l-biedja organika, huwa antiċipat li l-Kummissjoni tieħu azzjoni adatta, inkluż li tibgħat proposta leġislattiva biex titratta din il-kwistjoni b'mod adegwat.

(14) Dan ir-Regolament ma jinċidix fuq il-provvista volontarja mill-Istati Membri ta' statistika tal-Estimi Bikrin għall-Għelejjel (EECP).

(15) Il-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja dwar l-użu ta' art agrikola u l-produzzjoni tal-għelejjel.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet u kjarifiki**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "sena ta' ħsad" tfisser s-sena kalendarja fejn jibda l-ħsad;

([1]) ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23
([3]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

▼B

(b) "żona agrikola utilizzata" tfisser ż-żona totali meħuda minn art li tinħarat, mergħat permanenti, għelejjel permanenti u ġonna għat-tkabbir ta' ħxejjex jew frott użati mill-azjendi, irrispettivament mit-tip tat-titolu jew jekk din tintużax bħala art komuni;

(ċ) "żona taħt kultivazzjoni" tfisser ż-żona li tikkorrispondi għaż-żona miżrugħa, iżda li wara l-ħsad teskludi ż-żoni rvinati (eż. minħabba diżastri naturali);

(d) "żona kkultivata" tfisser iż-żona li tikkorrispondi għaż-żona totali miżrugħa għall-produzzjoni ta' għalla speċifika matul l-istess sena;

(e) "żona maħsuda" tfisser il-parti taż-żona kkultivata li tinħasad. Għal-hekk, din tista' tkun daqs jew inqas miż-żona kkultivata;

(f) "żona ta' produzzjoni" meta relatata ma' għelejjel permanenti, tfisser iż-żona li potenzjalment tista' tinħasad fis-sena tal-ħsad ta' referenza. Din teskludi ż-żoni kollha li ma jipproduċux, bħal pjantaġ-ġuni li jkunu għadhom ma bdewx jipproduċu;

(g) "produzzjoni maħsuda" tfisser produzzjoni li tinkludi t-telf u l-ħela f'azjenda, il-kwantitajiet ikkonsmati direttament fuq l-azjenda agri-kola u l-kwantitajiet kummerċjalizzati, indikati f'unitajiet ta' piż tal-prodott bażiku;

(h) "rendiment" tfisser il-ħsad għal kull żona taħt kultivazzjoni;

(i) "għelejjel taħt il-ħġieġ jew għata għolja (aċċessibli)" tfisser għelejjel li, għall-perijodu kollu tat-tkabbir tagħhom jew għal parti predomi-nanti tiegħu, huma mgħottija bis-serer jew b'għata għolja fissa jew mobbli (ħġieġ jew plastik riġidu jew flessibbli). Dan jeskludi folji tal-plastik imqiegħda ċatti mal-art, kif ukoll art taħt kisi jew mini mhux aċċessibbli għall-bniedem jew kaxxetti mobbli mgħottija bil-ħġieġ. Żoni ta' għelejjel li jitkabbru temporanjament taħt il-ħġieġ u temporanjament fil-beraħ jiġu rrapportati bhala totalment taħt il-ħġieġ, dment li l-perijodu taħt il-ħġieġ ma jkunx ta' durata estrema-ment limitata;

(j) "żona prinċipali" ta' qatgħa partikolari, tfisser iż-żona fejn il-qatgħa jkollha okkupazzjoni waħda biss tul sena ta' ħsad, iddefinita b'mod ċar minn dik l-okkupazzjoni.

2. "kultivazzjoni suċċessiva" tirreferi għal qatgħa art li tinħarat li tintuża aktar minn darba waqt sena ta' għalla partikolari iżda li kull darba li tinuża jkollha għalla waħda biss. Dik iż-żona għandha titqies bħala żona taħt kultivazzjoni għal kull għalla. Il-kunċetti ta' żoni prin-ċipali u sekondarji ma japplikawx f'dan il-kuntest.

"kultivazzjoni mħallta" tirreferi għal taħlita ta' għelejjel kkultivati fuq qatgħa ta' art agrikola fl-istess ħin. Iż-żona taħt kultivazzjoni f'dan il-każ tinqasam bejn l-għelejjel proporzjonalment skont iż-żona tal-art li fuqhom jiġu kkultivati. Il-kunċetti ta' żoni prinċipali u sekondarji ma japplikawx f'dan il-kuntest;

▼B

"għelejjel b'użu doppju" jiġifieri għelejjel li għandhom aktar minn għan wieħed, konvenzjonalment jitqiesu bħala għelejjel għall-użu ewlieni tagħhom u bħala għelejjel sekondarji għall-użu supplimentari tagħhom;

*Artikolu 3*

**Kopertura**

1. Kull Stati Membru għandu jipproduċi l-istatistika dwar l-għelejjel elenkati fl-Anness u prodotti fuq iż-żona agrikola utilizzata fit-territorju tiegħu.

2. L-istatistika għandha tkun rappreżentattiva ta' mill-inqas 95 % taż-żoni li ġejjin:

(a) żona totali taħt kultivazzjoni ta' għelejjel minn art li tinħarat (Tabella 1);

(b) żona totali maħsuda ta' ħxejjex, bettieħ u frawli (Tabella 2);

(ċ) żona totali ta' produzzjoni ta' għelejjel permanenti (Tabella 3);

(d) żona agrikola utilizzata (Tabella 4).

3. Il-fatturi varjabbli bi ftit jew xejn prevalenza fi Stat Membru jistgħu jiġu esklużi mill-istatistika, dment li l-Istat Membru in kwistjoni jinforma lill-Kummissjoni dwar l-għelejjel kollha ta' dan it-tip u dwar il-limitu minimu applikabbli għall-prevalenza baxxa ta' kull għalla ta' dan it-tip sal-aħħar tas-sena kalendarja li tiġi immedjatament qabel kull wieħed mill-perijodi ta' referenza.

*Artikolu 4*

**Frekwenza u perijodu ta' referenza**

Kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-data msemmija fl-Anness lill-Kummissjoni. Il-perijodu ta' referenza għandu jkun is-sena tal-ħsad. L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2010.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti ta' preċiżjoni**

1. L-Istati Membri li jwettqu stħarriġ kampjunarju sabiex jiksbu l-istatistika għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li d-data tat-tabella 1 jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni li ġejjin: il-koeffiċjent ta' varjazzjoni tad-data li għandha tingħata sat-30 ta' Settembru tas-sena n + 1 m'għandux, fil-livell nazzjonali, jeċċedi 3 % għaż-żona taħt

▼B

kultivazzjoni għal kull wieħed mill-gruppi ta' għelejjel prinċipali li ġejjin: ċereali għall-produzzjoni ta' frott taċ-ċereali (inkluż żrieragħ), legumi mnixxfin u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni ta' frott taċ-ċereali (inkluż taħlit ta' żrieragħ ta' ċereali u legumi), għelejjel tal-għeruq, għelejjel industrijali u pjanti tal-ħsad bikri.

2. Rigward sorsi ta' informazzjoni statistika li mhumiex stħarriġ statistiku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-informazzjoni tkun tal-inqas tal-istess kwalità meta mqabbla ma' informazzjoni li tinkiseb mill-istħarriġ statistiku.

3. Fil-każ li jintużaw sorsi amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni minn qabel dwar il-metodi użati u l-kwalità tad-data.

*Artikolu 6*

**Trażmissjoni lill-Kummissjoni**

1. L-Istati Membri għandhom *jittrażmettu* lill-Kummissjoni (Eurostat) id-data *stabbilita* fl-Anness fil-limiti taż-żmien speċifikati għal kull tabella.

▼M1

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8a biex temenda t-tabelli ta' trażmissjoni stabbiliti fl-Anness.

Dawk l-atti delegati m'għandhomx jemendaw il-frekwenza tar-rapportaġġ u l-iskadenzi. jew jimponu piż addizzjonali sinifikanti fuq l–Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.'

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċita' meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

▼B

*Artikolu 7*

**Statistika Reġjonali**

1. Id-data tal-għelejjel mmarkata "R" fl-Anness għandha tiġi pprovduta għall-unitajiet territorjali NUTS 1 u NUTS 2 definiti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003. B'eċċezzjoni, dawn jistgħu jiġu pprovduti għall-unitajiet territorjali NUTS 1 għall-Ġermanja u r-Renju Unit.

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

▼B

2. Il-fatturi varjabbli bi ftit jew xejn prevalenza fi Stat Membru jistgħu jiġu esklużi mill-istatistika reġjonali, dment li l-Istat Membru jinforma lill-Kummissjoni dwar l-għelejjel kollha ta' dan it-tip u dwar il-limitu minimu applikabbli għall-prevalenza baxxa ta' kull għalla ta' dan it-tip sal-aħħar tas-sena kalendarja li tiġi immedjatament qabel kull wieħed mill-perijodi ta' referenza.

*Artikolu 8*

**Kwalità tal-istatistika u rapport**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji ta' kwalità li ġejjin għandhom japplikaw għad-data li għandha *tiġi trażmessa*:

(a) "rilevanza" li tirreferi għal-livell li l-istatistika tilħaq il-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti;

(b) "preċizjoni" li tirreferi għal kemm l-estimi jqarrbu lejn il-valuri vera mhux magħrufa;

(ċ) "tempestività" li tirreferi għal perjodu bejn id-disponibbiltà tal-informazzjoni u l-avveniment jew il-fenomenu li din tiddeskrivi;

(d) "puntwalità" li tirreferi għad-dewmien bejn id-data tar-rilaxx tad-data (informazzjoni) u d-data mmirata (id-data meta d-data (informazzjoni) suppost kellha tasal);

(e) "aċċessibbiltà" u "ċarezza" li jirreferu għall-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li bihom l-utenti jistgħu jiksbu, jużaw u jinterpretaw id-data;

(f) "komparabbiltà" li tirreferi għall-kejl tal-impatt tad-differenzi fil-kunċetti statistiċi u għodod u proċeduri applikati meta l-istatistika titqabbel bejn zoni ġeografiċi, dominji settorjali jew fuq medda ta' żmien;

(g) "koerenza" li tirriferi għall-possibbiltà li d-data tiġi kkombinata, b'mod affidabbli, b'modi differenti u għal użu varju.

2. Kull tliet snin, u għall-ewwel darba sal-1 ta' Ottubru 2011, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-kwalità tad-data trasmessa.

3. Ir-rapport tal-kwalità, bl-użu tal-kriterji ta' kwalità msemmija fil-paragrafu 1, għandu jiddeskrivi:

(a) l-organizzazzjoni tal-istħarriġ kopert b'dan ir-Regolament u l-metodoloġija applikata;

(b) il-livell ta' preċiżjoni miksub għall-istħarriġ kampjunarju msemmi f'dan ir-Regolament; u

(ċ) il-kwalità ta' sorsi li m'humiex stħarriġ li jintużaw.

4. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla metodoloġika jew bidla oħra li jkollha effett konsiderevoli fuq l-istatistika. Dan għandu jsir mhux aktar tard minn tliet xhur wara li din il-bidla tidħol fis-seħħ.

▼B

5. Għandu jittieħed kont tal-prinċipju li l-ispejjeż u l-piżijiet addizzjonali jibqgħu f'limiti raġonevoli.

▼M1

*Artikolu 8a*

**Eżerċizju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(2) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn fl-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 6(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

▼B

*Artikolu 11*

**Tħassir**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93 huma b'dan mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

▼B

Ir-referenzi li jsiru għal dawn ir-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

▼M1

___

▼B

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara *dak tal-*pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼M1

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS*

*Tabella 1*

**Ghelejjel minn art li tinħarat**

PARTI A

| Skadenzi għat-trażmissjoni | Zona taħt kultivazzjoni (1 000 ettaru) | | | | | | Ħsad (1 000 tunnellata) | | | | Rendiment (100 kg/ha) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 31 ta' Jan | 30 ta' Ġun | 31 ta' Aww | 30 ta' Sett | 31 ta' Jan | 30 ta' Sett | 30 ta' Sett | 31 ta' Ott | 31 ta' Jan | 30 ta' Sett | 31 ta' Aww |
| | sena n | sena n | sena n | sena n | sena n + 1 | sena n + 1 | sena n | sena n | sena n + 1 | sena n + 1 | sena n |
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| | MSs 'l fuq mil-limitu minimu | MSs 'l fuq mil-limitu minimu | MSs 'l fuq mil-limitu minimu | MSskollha | MSskollha | MSskollha | MSs kollha | MSs kollha | MSs kollha | MSskollha | MSs 'l fuq mil-limitu minimu |
| **Ċereali għall-produzzjoni ta' frott taċ-ċereali (inkluża ż-żerriegħa)** (*) | — | — | — | — | X | R | — | — | X | R | — |
| Ċereali (minbarra r-ross) (*) | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Qamħ komuni u spelt (*) | — | X | X | X | X | R | X | X | X | R | X |
| li minnu: Qamħ tax-Xitwa (*) | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Qamħ durum (*) | X | X | X | X | X | R | X | X | X | R | X |
| Segala u maslin (*) | X | X | X | X | X | R | X | X | X | R | X |
| Xgħir (*) | — | X | X | X | X | R | X | X | X | R | X |
| li minnu: Xgħir tax-xitwa (*) | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Ħafur (*) | — | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Ċereali mħaltin minbarra il-maslin (*) | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Taħlita ta' qamħirrum u ċifċiegħa tal-qamħirrum (*) | — | X | X | X | X | R | X | X | X | R | X |
| Sorgu (*) | — | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Triticale (taħlita ta' qamħ u segala) (*) | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Dekkuk, qamħ Saraċin, milju (*) | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Ross (*) | — | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| li minnu: Indica | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Japonica | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |

▼B

PARTI B

| | Żona taħt kultivazzjoni (1 000 ettaru) | | | | | | Ħsad (1 000 tunnellata | | | | Rendiment (100 kg/ha) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Skadenzi għat-trasmissjoni | 31 ta' Jannar | 30 ta' Ġunju | 31 ta' Awwis-su | 30 ta' Settem-bru | 31 ta' Marzu | 30 ta' Settem-bru | 30 ta' Settem-bru | 31 ta' Ottubru | 31 ta' Marzu | 30 ta' Settem-bru | 31 ta' Awwis-su |
| | sena n | sena n | sena n | sena n | sena n + 1 | sena n + 1 | sena n | sena n | sena n + 1 | sena n + 1 | sena n |
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| | SM '1 fuq mil-limitu minimu | SM '1 fuq mil-limitu minimu | SM '1 fuq mil-limitu minimu | Għall-Istati Membri kollha | Għall-Istati Membri kollha | Għall-Istati Membri kollha | Għall-Istati Membri kollha | Għall-Istati Membri kollha | Għall-Istati Membri kollha | Għall-Istati Membri kollha | SM '1 fuq mil-limitu minimu |
| **Legumi mnixxfin u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni ta' frott taċ-ċereali (inkluż taħlit ta' żrieragħ ta' ċereali u legumi)** (*) | — | — | — | — | X | R | — | — | X | X | — |
| Piżelli tal-għelieqi (*) | — | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Ful u fażola tal-għelieqi (*) | — | X | X | X | X | X | — | X | X | X | — |
| Lupina ħelwa (*) | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Other dried pulses n.e.c. | — | — | — | — | X | X | — | — | — | — | — |
| **Għelejjel tal-għeruq** | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Patata (inkluża patata bikrija u patata taż-żrigħ) | — | X | X | X | X | X | — | X | X | X | — |
| Pitravi (minbarra ż-żerriegħa) | — | X | X | X | X | R | — | X | X | R | — |
| Other root crops n.e.c. | — | — | — | — | X | X | — | — | — | — | — |
| **Għelejjel industrijali** | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Lift u lift tan-nevew (*) | — | X | X | X | X | R | X | X | X | R | X |
| li minnu: lift tax-Xitwa | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Żerriegħa tal-ġirasol (*) | — | X | X | X | X | R | X | X | X | R | X |
| Żerriegħa tal-kittien (kittien taż-żejt) (*) | — | — | — | — | X | R | — | — | X | X | — |
| Soja (*) | — | X | X | X | X | R | X | X | X | R | X |
| Żerriegħa tal-qoton (*) | — | — | — | — | — | — | — | — | X | X | — |
| Other oil seed crops (*) | — | — | — | — | X | X | — | — | — | — | — |
| Kittien tal-fibra | — | — | — | — | X | R | — | — | X | X | — |
| Qanneb | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Fibra tal-qoton | — | — | — | — | X | R | — | — | X | X | — |

▼B

| Skadenzi għat-trasmissjoni | Żona taħt kultivazzjoni (1 000 ettaru) | | | | | | Ħsad (1 000 tunnellata | | | | Rendiment (100 kg/ha) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 31 ta' Jannar | 30 ta' Ġunju | 31 ta' Awwis-su | 30 ta' Settem-bru | 31 ta' Marzu | 30 ta' Settem-bru | 30 ta' Settem-bru | 31 ta' Ottubru | 31 ta' Marzu | 30 ta' Settem-bru | 31 ta' Awwis-su |
| | sena n | sena n | sena n | sena n | sena n + 1 | sena n + 1 | sena n | sena n | sena n + 1 | sena n + 1 | sena n |
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| Ħops | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Tabakk | — | — | — | — | X | R | — | — | X | R | — |
| Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinari | — | — | — | — | X | X | — | — | — | — | — |
| Għelejjel għall-enerġija n.e.c | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| **Pjanti tal-ħsad bikri** | — | — | — | — | X | X | — | — | — | — | — |
| Pjanti tal-ħsad bikri li jgħixu sena | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| li minnu: Qamħirrum aħdar | — | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Ċereali tal-ħsad bikri | — | — | — | — | X | X | — | — | X | X | — |
| Pjanti leguminużi | — | — | — | — | X | X | — | — | — | — | — |
| Ħaxix temporanju u rigħi | — | — | — | — | X | X | — | — | — | — | — |

(n.e.c. = mhux ikklassifikati x'imkien ieħor)
(*) Iċ-ċifri dwar il-produzzjoni għal dawn il-prodotti għandhom jingħataw fi grad medju ta' umdità li kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni Ewropea f'Jannar/Marzu sena n + 1 (kolonna 9).

NB: L-estimi għall-kolonni 1, 2, 3 u 11 huma obbligatorji għall-Istati Membri b'medja tal-produzzjoni nazzjonali kull sena fl-aħħar tliet snin ogħla minn:

3 000 000 tunnellata għall-qamħ komuni,
1 000 000 tunnellata għall-qamħ durum,
900 000 tunnellata għax-xgħir,
100 000 tunnellata għas-segala u l-maslin,
1 500 000 tunnellata għall-qamħirrum,
200 000 tunnellata għat-triticale,
150 000 tunnellata għall-ħafur,
150 000 tunnellata għas-sogru,
150 000 tunnellata għar-ross,
70 000 tunnellata għall-piżelli tal-għelieqi,
50 000 tunnellata għall-fażola tal-għelieqi,
300 000 tunnellata għal-lift,
200 000 tunnellata għall-ġirasol,
60 000 tunnellata għal-lift,
700 000 tunnellata għall-patata,
2 500 000 tunnellata ta' pivrati zokkrin
u 4 500 000 tunnelletta ta' qamħirrum aħdar fis-sena.

▼B

*Tabella 2*

**Ħxejjex, bettieħ u frawli**

| | Żona maħsuda (1 000 ettaru) | Ħsad (1 000 tunnellata) |
|---|---|---|
| Skadenzi għat-trasmissjoni | 31 ta' Marzu sena n + 1 | 31 ta' Marzu sena n + 1 |
| | 1 | 2 |
| **ĦXEJJEX, BETTIEĦ U FRAWLI** | X | |
| **Pjanti tal-ġenus Brassica** | | |
| Pastard u brokkli | X | X |
| Kaboċċi (bojod) | X | X |
| **Ħxejjex tal-werqa jew taz-zokk** | | |
| Karfus | X | X |
| Kurrat | X | X |
| Ħass | X | X |
| Li minnhom: taħt il-ħġieġ jew għata għolja aċċessibli ([1]) | X | |
| Indivja | X | X |
| Spinaċi | X | X |
| Asparagu | X | X |
| Ċikwejra | X | X |
| Qaqoċċ | X | X |
| **Ħxejjex kultivati għall-frott** | | |
| Tadam | X | X |
| li minnhom: Tadam għall-konsum frisk | X | X |
| li minnhom: taħt il-ħġieġ jew għata għolja aċċessibli ([1]) | X | |
| Ħjar | X | X |
| li minnhom taħt il-ħġieġ jew għata għolja aċċessibli ([1]) | X | |
| Ħjar żgħir għall-immarinat (Gherkins) | X | X |
| Bettieħ | X | X |
| Dulliegħ | X | X |
| Brunġiel | X | X |
| Qarabagħli żgħir | X | X |
| Bżar aħmar, capsicum | X | X |
| Li minnhom: taħt il-ħġieġ jew għata għolja aċċessibli ([1]) | X | |
| **Ħxejjex tat-tuberi tal-għerq u tal-basla** | | |
| Karrotti | X | X |
| Tewm | X | X |
| Basal | X | X |
| Xalotti | X | X |
| Krafes | X | X |
| Radishes | X | X |
| **Legumi** | X | |
| Piżelli | X | X |
| Fażola | X | X |
| **Frawli** | X | X |
| Li minnhom taħt il-ħġieġ jew għata għolja aċċessibli ([1]) | X | |
| **Faqqiegħ kultivat** | X | X |

([1]) Stimi obbligatorji għal ST b'żona ta' ħsad ta' 500 ha jew iktar

▼B

*Tabella 3*

**Għelejjel permanenti**

| | Żona ta' Produzzjoni (1 000 ettaru) | Ħsad (1 000 tunnellata) | |
|---|---|---|---|
| Skadenzi għat-trasmissjoni | 31 ta' Marzu sena n + 1 | 31 ta' Marzu sena n + 1 | 30 ta' Sett sena n + 1 |
| | 1 | 2 | 3 |
| **GĦELEJJEL PERMANENTI** | X | | |
| **Frott ta' żoni klimatiċi moderati** | | | |
| Tuffieħ | X | X | |
| Li minnhom: għal konsum frisk | | X | |
| Lanġas | X | X | |
| Ħawħ | X | X | |
| Nuċiprisk | X | X | |
| Berquq | X | X | |
| li minnu: Sour cherries | X | X | |
| Għajnbaqar | X | X | |
| Speċi ta' frott żgħir tal-bosk (berries) | X | X | |
| **Berries** | | | |
| Ribes | X | X | |
| Lampun | X | X | |
| **Ġewż u frott ieħor jixbhu** ([1]) | | | |
| Ġewż | X | X | |
| Ġellewż | X | X | |
| Lewż | X | X | |
| Chestnuts | X | X | |
| **Frott ta' żoni klimatiċi sudtropikali** | | | |
| Tin | X | X | |
| Kiwi | X | X | |
| Avokado | X | X | |
| Banana | X | X | |
| **Frott taċ-ċitru** ([1]) | X | | |
| Pomelo u grejpfrut | X | | X |
| Lumi, lajm aċiduż | X | | X |
| Larinġ | X | | X |
| **Frott taċ-ċitru żgħir** | X | | X |
| Satsumi | X | | X |
| Klementini | X | | X |
| **Vinji** ([1]) | X | X | |
| Vinji għall-inbid | X | X | |
| li minnhom: Nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta | X | X | |
| Nbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta | X | X | |
| Nbejjed ieħor | X | X | |
| Vinja għall-għeneb tal-mejda | X | X | |
| Vinja għall-iżbib | X | X | |
| **Siġar taż-żebbuġ** ([1]) | | | |
| Siġar taż-żebbuġ għaż-żebbuġ tal-mejda | X | X | |
| Siġar taż-żebbuġ għaż-żejt taż-żebbuġ | X | X | |

([1]) Obbligatorji għal SM b'żona ta' produzzjoni nazzjonali ta' 500 ha u aktar

▼B

*Tabella 4*

**Użu ta' art agrikola**

| | | Żona Prinċipali (1 000 ettaru) |
|---|---|---|
| Skadenza għat-trasmissjoni | | 30 ta' Settembru sena n + 1 |
| **Żona Agrikola Utilizzata** | | R |
| Art li tinħarat | | R |
| Legumi mnixxfin u ħelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni ta' frott taċ-ċ | | X |
| Ċereali għall-produzzjoni ta' frott taċ-ċereali (inkluża ż-żerriegħa) | | X |
| Patata (inkluża patata bikrija u patata taż-żrigħ) | | X |
| Pitravi (minbarra ż-żerriegħa) | | X |
| Għelejjel industrijali | | X |
| Ħxejjex, bettieħ u frawli | | X |
| Fjuri u pjanti ornamentali (minbarra mxietel) | | X |
| Pjanti tal-ħsad bikri | | X |
| Għelejjel oħra ta' art li tinħarat | | X |
| Art mhix kultivata | | R |
| Mergħa permanenti | | R |
| Għelejjel permanenti li minnhom: | | X |
| li minnhom: | Pjantaġġuni ta' frott u frott żgħir tal-bosk (berries) | R |
| | Pjantaġġuni ta' żebbuġ | R |
| | Vinji | R |
| Mxietel | | X |